MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 144/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Apap**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Apap talli fl-1 ta' Mejju, 2003, fit-8 ta' Mejju, 2003 u fil-15 ta' Mejju 2003 naqas li jottempra ruhu mad-digriet numru 437/2003 datat 10 ta' April 2003 tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, fejn gie ordnat ihallas manteniment lil martu Cettina Apap ghaliha u ghall-ulied minuri Tiziana, Graziella u Andre` Apap;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Mario Apap hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu sitt (6) ijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Mario Apap, minnu prezentat fil-21 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

Mid-deposizzjoni ta’ Maria Concetta (Cettina) Apap, konfermata in parti mid-deposizzjoni tal-istess appellant, jirrisulta li l-appellant hallas il-manteniment ordnat mill-qorti ghall-ewwel tlett gimghat biss wara d-digriet tas-Sekond Awla tal-10 ta’ April, 2003 (f’zewg okkazjonijiet huwa baghat il-flus mat-tfal, u f’okkazzjoni ohra mas-*social worker*). Dan ifisser li ghall-gimghat indikati fl-imputazzjoni dan il-manteniment ma thallasx. Konsegwentement l-ewwel zewg aggravji ta’ l-appellant – cioe` li ma jirrisultax mill-provi li l-appellant ma hallasx manteniment ghall-gimghat indikati fl-imputazzjoni u l-aggravju l-iehor fis-sens li huwa ghadda flus lil martu permezz ta’ uliedu – huma infondati.

It-tielet u l-hames aggravju tal-appellant, fis-sens li hu dizokkupat u li ghalkemm kellu n-negozju jew mestier ta’ *sprayer* dan beda maz-zmien imur lura, u li fi kwalunkwe kaz ma jistax jaqla’ flus bizzejjed biex ihallas l-ammont iffissat, sejrin ukoll jigu respinti. Jekk verament ilu sentejn ma jahdem, dawn il-fatti messu gabhom a konjizzjoni tas-Sekond Awla jew, jekk ghal xi raguni dik il-qorti ma kienitx fehemet sew is-sottomissjonijiet tieghu (kif ipprova jghid meta ddepona quddiem din il-Qorti) u kkundannatu jhallas manteniment aktar milli kien effettivament possibbli ghalih li jhallas, huwa kien messu rrikorra  quddiem l-istess Sekond Awla (jew, skond il-kaz, quddiem il-Prim Awla) ghal varjazzjoni tal-ammont in kwistjoni. Minn dan kollu ma jirrizulta li ghamel xejn. Huwa sinjifikanti il-fatt li ghall-ewwel tlett gimghat wara d-digriet l-appellant, li qal ilu dizokkupat u jghix biss bir-*relief* ghal dawn l-ahhar sentejn, effettivament hallas is-somma ffissata mis-Sekond Awla. Din il-Qorti mhix sodisfatta li l-appellant ma jistax jahdem, kif qieghed issa jghid anke billi jallega li xi

xaharejn ilu huwa wegga'; anzi din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, jekk irid, jista' jsib xoghol redditizju b'mod li jkun jista' jhallas manteniment ghal martu u ghal uliedu.

Ir-raba' aggravju tal-appellant hu li ma saritx il-prova li c-citazzjoni fil-Prim Awla ghas-separazzjoni giet presentata entro t-terminu ta' xaharejn mid-data tad-digriet tas-Sekond Awla. Apparti konsiderazzjonijiet legali dwar l-effett ta' eventwali tali nuqqas fuq l-ordni tas-Sekond Awla ghall-hlas ta' manteniment – din il-Qorti diga ppronunzjat ruhha diversi drabi f'dan ir-rigward – f'dan il-kaz jirrisulta bhala fatt mid-deposizzjoni tal-Avukat Dott. Ronald Aquilina li c-citazzjoni saret entro t-terminu ta' xaharejn. Ghalhekk dana l-aggravju hu fattwalment infondat.

L-ahhar aggravju hu dwar il-piena, li l-appellant jikkontendi li kienet wahda gravuza. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatt li din hija l-ewwel darba li huwa qed jigi kkundannat talli ma hallasx il-manteniment lil martu ma jfissirx li l-Qorti tal-Magistrati ghandha tinfliggi l-piena inferjuri[1] tal-ammenda flok dik tad-detenzjoni. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel qorti in tema ta' piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara l-Artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali.